C/2024/5680

20.9.2024

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11708 – SAGITTA / RDE GROUP)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/5680)

1. Fit-12 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sagitta SGR S.p.A. ("Sagitta", l-Italja), ikkontrollata minn TDR Capital LLP, (ir-Renju Unit),

— de Eccher Holding S.r.l. (iktar 'il quddiem "RDE Group", l-Italja).

Sagitta se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' RDE Group kollu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Sagitta hija kumpanija tal-ġestjoni tal-assi, li topera fl-Italja fl-istabbiliment u l-ġestjoni ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi riżervati għal investituri professjonali. Sagitta hija parti minn Arrow Global, investitur u maniġer tal-assi, li tappartjeni għad-ditta ta' ekwità privata TDR Capital LLP,

— RDE Group huwa prinċipalment attiv fis-settur tal-kostruzzjoni madwar id-dinja, speċjalment fl-infrastruttura, il-kostruzzjoni tal-bini, u s-segmenti industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11708 – SAGITTA / RDE GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/IL-BELĠJU

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (the "Merger Regulation").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.